**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 202/10VG**

**Blue Media Marketing Limited**

**Vs**

**Anton sive Claude Camilleri**

**Illum 26 ta' Lulju 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Blue Media Marketing Limited fit-28 ta' Mejju 2010 permezz ta' liema titlob li Anton sive Claude Camilleri jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' ghaxart elef tlett mija u seba' Euro u hamsin centezmu (€10,307.50), liema somma hija certa, likwida u dovuta, rapprezentanti bilanc dovut ghal riklami w artikoli minnha lilu fornuti fuq struzzjonijiet tieghu stess fuq ir-rivista SkyLife, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ezekuttiva u l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors kontra l-istess Anton sive Claude Camilleri;

Rat ir-Risposta ta' Anton sive Claude Camilleri permezz ta' liema jopponi ghat-talba attrici u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, stante li: (i) l-ammont mitlub fir-Rikors promotur mhux dovut peress illi kuntrarjament ghal dak affermat mis-socjetà attrici, kien hu li kien iforni l-artikoli lill-imsemmija socjetà u mhux vice versa; (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont mitlub mis-socjetà attrici ghal allegati servizzi ta' reklamar ma huwiex dovut peress illi s-socjetà attrici ma offrietx is-servizz kif kien imwieghed;

Semghet ix-xhieda ta' Chris Mifusd moghtija waqt is-seduti tat-22 ta' Novembru 2010[1] u tad-9 ta' April 2013[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CM1" a fol. 13 sa' 15 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Louise Galea moghtija waqt is-seduti tat-22 ta' Novembru 2010[3] u tat-8 ta' Frar 2011[4] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "LG1" u Dok. "LG2" a fol. 16 u 17 tal-process, rat id-dokumenti markati Dok. "LG3" sa' Dok. "LG21" esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fis-26 ta' Jannar 2011 a fol. 22 sa' 58 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tat-3 ta' Frar 2011[5] u tal-15 ta' Ottubru 2012[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "AC1" sa' Dok. "AC4" a fol. 60 sa' 72 tal-process kif ukoll id-dokumenti markati Dok. "JB1" u Dok. "JB2" a fol. 94 sa' 110 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici pprezentata fid-9 ta' Mejju 2013 a fol. 118 sa' 123 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-31 ta' Mejju 2013 a fol. 124 sa' 129 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €10,307.50, rapprezentanti bilanc dovut ghal riklami u artikoli minnha forniti lilu fuq struzzjonijiet tieghu stess fir-rivista SkyLife. Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) l-ammont mitlub fir-Rikors promotur mhux dovut peress illi kuntrarjament ghal dak affermat mis-socjetà attrici, kien hu li kien iforni l-artikoli lill-imsemmija socjetà u mhux vice versa; u (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont mitlub mis-socjetà attrici ghal allegati servizzi ta' reklamar ma huwiex dovut peress illi s-socjetà attrici ma offrietx is-servizz kif kien imwieghed.

Apparte mill-eccezzjonijiet sollevati fir-Risposta pprezentata fis-7 ta' Ottubru 2010, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu pprezentata fil-31 ta' Mejju 2013, il-konvenut jissottometti wkoll li *wara li dahlet din ir-risposta* [ossia r-Risposta tieghu ghat-talba attrici] *jidher li s-socjetà attrici biddlet il-verzjoni taghha u qalet li hija mhijiex qed titlob hlas ta' artikoli u lanqas ta' reklamar izda ta' dak li hija bdiet issejhilhom advertorials. Illi l-ewwel darba li ssemmiet il-kelma 'advertorials' kien fil-lista ta' dokumenti a fol. 22 u fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetà attrici issir hafna enfasi fuq it-tifsir ta' din il-kelma u fuq id-distinzjoni ta' bejn artikolu, reklamar u advertorial. Illi b'kull rispett, anke fuq dan il-punt biss, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-*

[1] Fol. 18 u 19 tal-process.
[2] Fol. 117A sa' 117K tal-process.
[3] Fol. 20 u 21 tal-process.
[4] Fol. 111 u 112 tal-process. Traskrizzjoni originali a fol. 113 u 114 tal-process.
[5] Fol. 73 sa' 76 tal-process.
[6] Fol. 110A sa' 110C ta-process.

*talbiet attrici u dana stante illi t-talba attrici hija wahda kjarament limitata ghal 'riklami' u 'artikoli' fuq ir-rivista SkyLife. Jekk qed issir din l-enfasi kollha – f'dan l-istadju – li t-talba ghall-hlas hija ghal 'advertorials' u qed issir din id-distinzjoni netta anke fl-ispjega dettaljata moghtija fin-nota ta' sottomissjonijiet attrici dwar id-differenza fit-terminologija mela allura t-talba attrici ma tista' qatt tintlaqa'. Altrimenti l-Qorti tkun qed tiddeciedi fuq materja li tezorbita mill-limiti tal-kawza li huma regolati bl-avviz u bir-risposta.*

In sostenn ta' dak minnu sottomess il-konvenut jiccita b'mod estensiv bran mis-sentenza fl-ismijiet "Melita Cable p.l.c. v. Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Frar 2009, fejn dik il-Qorti osservat illi *jinzel minn din l-enuncjazzjoni illi jinkorri f'vizzju ta' ultra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta' l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estraneja ghall-oggett tal-gudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli ex officio. Wisq ragonevolment, dan ma jfissirx illi l-gudikant hu b'xi mod ristrtett milli jindividwa n-natura ezatta ta' l-azzjoni jew li jqieghed ghab-bazi tal-pronuncjament tieghu konsiderazzjonijiet ta' dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizzjattiva taghhom, ghax tali fakultà taqa' fl-attribuzzjonijiet tieghu. Jinghad, di fatti, fost it-taghlim tal-Mattriolo illi 'non pecca di ultra petita la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motivi in fatto che emergono dagli atti della causa'. (Marchese Riccardo Cassar Desain nomine -vs- Giovanni Spiteri, Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-gudikant jibqa' fl-argini ta' dak lilu domandat jew eccepit'.*

Fir-rigward il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li l-konvenut sfortunatament iccita insenjament tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fir-rigward ta' proceduri ta' natura amministrattiva, ossia proceduri fejn tkun qed tigi attakkata decizjoni ta' awtorità amminsitrattiva, u mhux fir-rigward ta' proceduri civili quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza inferjuri taghha, u dana nonostante d-diversi insenjamenti tal-Qrati nostrali fir-rigward appuntu l-latitudini tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza inferjuri taghha hi u tiddeciedi dwar il-kawzali attrici kif dedotta fl-att promotur ipprezentat quddiem dik il-Qorti.

Ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Ivan Buhagiar v. Christopher Agius, Appell Civili Nru. 248/10** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Settembru 2014, dik il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet u irribadiet principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika nostrali: *in succint, fl-aggravji tieghu l-appellant qed jishaq illi kien hemm provi varji fl-atti li kollha jippuntaw f'direzzjoni wahda u cioè il-fatt illi l-appellat huwa debitur lejh. Illi dwar dan il-fatt ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni u fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti wkoll irrikonoxxiet illi kien hemm xi pendenzi*

*bejn il-partijiet. Dak illi gie rimproverat lill-attur appellanti huwa n-nuqqas ta' prova li jindika illi d-debitu minnu allegat huwa relatat ma' bejgh ta' merkanzija kif indikat mill-attur appellanti fit-talba mressqa minnu. L-Ewwel Qorti ikkonkludiet hekk fid-decizjoni taghha: "Il-fatt illi r-rikorrenti ma kienx f'posizzjoni jindika lill-Qorti x'merkanzija biegh lill-intimat ma jaghti lill-Qorti ebda soluzzjoni ohra ghajr illi tiddikjara illi dak mitlub mir-rikorrent ma giex ippruvat u ghalhekk ma jistax jigi milqugh minn din il-Qorti." Minn qari ta' din il-parti dispositti va tas-sentenza jirrizulta ghalhekk illi dak li wassal lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha illi tirrigetta t-talba attrici kienet in-nuqqas ta' provi dwar il-kawzali ta' l-azzjoni u cioè illi ma kienx hemm prova illi l-ammont mitlub kien jirraprpezenta l-bejgh ta' merkanzija mibjugha lill-konvenut appellanti. Fil-fatt targumenta hekk is-sentenza appellata: "Dawna il-fatti kollha jwasslu ghal dubji serji hafna dwar in-natura tad-dejn illi r-rikorrenti qieghed jippretendi minghand l-intimat...". Illi hawnhekk dina l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-Ewwel Qorti erronjament wasslet ghal konkluzzjoni illi tichad it-talbiet attrici billi l-kawzali ghat-talba ma gewx ippruvati. Jinsab provdut fl-Artikolu 214 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi 'fl-ewwel grad, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi pruvat jedd iehor ghad illi dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ipprovat, fuq l-istess citazzjoni". Dan hu hekk logiku gjaladarba a kuntrarju ta' dak li nsibu fl-Artikolu 156 tal-Kap.12 riferibilment ghac-citazzjoni, li hija procedura rizervata ghall-qrati superjuri, fil-kaz ta' qrati ohra fil-kompetenza taghhom inferjuri c-citazzjoni issir 'bil-mod ta' rikors li jkun skont l-ghamla preskritta u jsir fl-ghamla ta' avviz semplici ffirmat mir-Registratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher' (Art. 171(1) Kap.12). Minn dawn id-disposizzjonijiet huwa bil-wisq evidenti illi* ***'il-qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz'****[7] – Francis Fenech v. Joyce Restall et, Appell Sede Inferjuri, 29 ta' Marzu 1982, Donald Darmanin v. Direttur tal-Portijiet, Appell Sede Inferjuri, 9 ta' Novembru 1977.*

Minn dan l-insenjament jirrizulta ghalhekk li kemm-il darba fil-kaz in ezami l-Qorti tkun sodisfatta li l-konvenut effettivament ghandu jhallas lis-socjetà attrici ghal *advertorials* – u mhux strettament ghal riklami w artikoli kif premess fir-Rikors promotur – fir-rivista SkyLife, Hija tista' u bhala fatt ghandha tghaddi biex tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas pretiz.

In kwantu rigwarda l-mertu ta' l-azzjoni in ezami, ossia l-pretensjoni tas-socjetà attrici li hija kreditrici tal-konvenut versu s-somma ta' €10,307.50,

[7] Enfasi tal-Qorti.

rapprezentanti l-valur ta' *advertorials* pubblikati fir-rivista SkyLife fuq struzzjonijiet tal-konvenut, l-istess socjetà ressqet bhala provi, oltre x-xhieda ta' Chris Mifsud u Louise Galea, l-artikoli ossia *advertorials* relattivi pubblikati fil-hargiet tar-rivista SkyLife fix-xhur ta' Novembru 2007 u Dicembru 2007, fix-xhur minn Jannar 2008 sa' Dicembru 2008 u fix-xhur Jannar 2009 u Frar 2009, Dok. "LG07" sa' Dok. "LG20" a fol. 28 sa' 41 tal-process, il-fatturi mahruga lill-konvenut mill-1 ta' Novembru 2007 sa' l-1 ta' Frar 2009, ilkoll relattivi ghal riklam/*adverotrial full page* ghal Palazzo Santa Rosa fir-rivista SkyLife ghall-prezz ta' €1,030.75-il wiehed esebiti a fol. 100 sa' 110 tal-process, is-sitt cheques mahruga mill-konvenut u datati 01.09.08, 20.10.08, 01.11.08 01.12.08 u 20.12.08 u *statement of account* pertinenti ghall-konvenut li juri l-fatturi kollha mahruga fil-konfront tal-konvenut tul perijodu mill-1 ta' Novembru 2007 sa' l-1 ta' Frar 2009, il-pagamenti ricevuti mill-konvenut u l-bilanc minnu dovut fl-ammont ta' €10,307.50, esebit a fol. 16 u 17 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti dawn il-provi sodisfacentement jisabilixxu bhala fatt ippruvat li s-socjetà attrici ghandha pretensjoni monetarja fil-konfront tal-konvenut ammontanti ghal €10,307.50. Stabbilit dan il-fatt issa jispetta lill-konvenut jressaq provi li jissodisfaw lill-Qorti li ebda hlas ma huwa minnu dovut lis-socjetà attrici gar-ragunijiet specifici u ben artikolati minnu sollevati fir-Risposta tieghu ghat-talba attrici.

Fir-rigward issir referenza ghall-principju ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li *huwa minnu illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegah. Dan jghidu espressament l-Artikolu 562 tal-Kap.12. Tajjeb f'dan l-istadju li jigi precizat illi l-principju ta' l-oneru tal-provi ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatti kostituttivi tad-dritt pretiz trid tigi rikavata esklussivament minn provi offerti minn min huwa gravat b'dan l-oneru. Dan ghaliex dejjem jistghu jigu wtilizzati elementi probatorji ohrajn akkwiziti fil-process, in kwantu fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju li r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod, anke indipendentement mill-inizzjattiva tal-parti, basta jikkonkorru flimkien u indistintament ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-verità xejn ma hu eskluz, lanqas l-uzu ta' prova fornita minn parti li kapaci tforni elementi favorevoli lill-kontro-parti.* ***Konformement ma' dan il-kuncett hemm dak li l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimità u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tieghu. Fil-kaz, imbaghad, li l-konvenut ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika ta' l-assunt ta' l-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti il-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura***

***jinsorgi fih l-obbligu li hu wkoll igib il-quddiem prova dimostrttiva a sensu ta' l-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'kaz ta' prova insufficjenti jew insodisfacenti***[8]. Dan il-principju u principji ohra konnessi mal-materja ta' prova jinsabu ribaditi f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom, ad ezempju, is-sentenza fl-ismijiet **Hal Mann Vella Limited v. Rudolph Azzopardi, Rik. Nru. 12/08** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Frar 2011.

Fil-kaz in ezami, kif già appena osservat, il-konvenut ma jilqax ghat-talba attrici b'semplici kontestazzjoni generika izda jikkontendi li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex dovut ghaliex: (a) kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà attrici, kien hu li kien iforni l-artikoli lill-imsemmija socjetà u mhux vice versa; u (b) is-servizzi ta' reklamar provduti mis-socjetà attrici ma gewx provduti bil-mod kif imwieghed.

Il-prova li ressaq il-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu essenzjalment hija x-xhieda tieghu stess moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2011[9] u provi dokumentarji konsistenti f'diversi rivisti – mhux ir-rivista SkyLife li dwarha jittrattaw il-proceduri odjerni – li fihom gew pubblikati artikoli miktuba minnu u numru ta' e-mails indirizzati u/jew ikkuppjati lilu, ilkoll esebiti a fol. 60 sa' 72 tal-process.

Tramite x-xhieda li ta waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2011[10], il-konvenut jikkontendi li *jiena chef u owner ta' restaurant kif ukoll kont gurnalist u ghadni sa' llum nikteb diversi artikoli f'gazzetti u magazines kemm hawn Malta kif ukoll barra minn Malta. Fil-fatt qed nesebixxi* (bhala Dok. "AC1") *diversi kampjuni ta' artikoli li ktibt fi zminijiet ricenti. ... Ghall-finijiet ta' dawn l-artikoli huma l-magazines u dawn il-gazzetti li jikkunttjawni biex jien inkun nista' naghmel kontribuzzjoni b'artikolu tieghi. Barra minn Malta il-magazines u gazzetti li nikteb fihom ihallsuni ghall-artikoli li jiena naghti però hawn Malta dik l-uzanza ma nuzawhiex. Hawn Malta lanqas ma nhallas jiena biex inkun nista' naghmel il-kontribuzzjoni tieghi permezz ta' artikoli*. Jikkontendi ukoll li fiz-zmien meta r-rivista ta' fuq it-titjiriet ta' l-Airmalta kienet ghadha r-rivista KM huwa kien jikteb minghajr ebda hlas ghall-kontribuzzjonijiet maghmula minnu, la hu lil min kien jippubblika r-rivista u lanqas ir-rivista, jew ahjar min kien jippubblikaha, lilu. Jirrikonoxxi però li meta r-rivista ta' fuq it-titjiriet ta' l-Airmalta saret ir-rivista SkyLife pubblikata mis-socjetà attrici s-sitwazzjoni inbidlet ghaliex hawn hu gie mistoqsi jekk riedx li jaghmel riklam ghar-restaurant tieghu, Palazzo Santa Rosa, il-Mistra, fir-rivista. Fir-rigward il-konvenut jghid *wara certu ammont ta' zmien waqaft naghti l-kontribuzzjoni tieghi ghar-raguni li bdejt insibha*

[8] Mario Mifusd v. Carmelo Mifsud, Appell Civili Nru. 1536/99 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Novembru 2003. Enfasi ta' din il-Qorti.
[9] Fol. 73 sa' 76 tal-process.
[10] Ibid.

*difficli li naghti zewg opinjonijiet differenti f'artikolu wiehed* - u dan b'referenza ghall-artikolu Chef vs Chef. *Meta jiena waqaft naghmel il-kontribuzzjonijiet tieghi, is-socjetà attrici li kienu n-nies il-godda li kienu bdew jiehdu hsieb il-magazine SkyLife kienu kkunttatjawni u offrewli biex ikun nista' naghmel reklami fl-iSkyLife. Jiena m'accettajtx ghaliex mhijiex policy tieghi li naghmel reklami tar-restaurant tieghi fi kwalunkwe magazine. Imbaghad kienu offrewli li nibqa' nikteb artikoli b'dana li jiena però nnizzel ir-restaurant tieghi fil-lista tar-restaurants li hemm fuq wara tal-magazine SkyLife. Jiena din il-proposta li nikteb artikolu imbaghad jidher isem ir-restaurant tieghi fil-lista fuq wara tal-magazine kont accettajtha.*

Il-konvenut jikkontendi li huwa qatt ma qies dawn l-artikoli bhala forma ta' *advertorial*/riklam li ghalih hu kellu jhallas lis-socjetà attrici ghaliex *kieku kont inqishom bhala riklami kont ghall-inqas innizzel il-contact details tar-restaurant tieghi u fl-artikoli tieghi ma kien hemm indikat assolutament xejn minn dan.* Huwa proprju f'dan ir-rigward li tirrizulta wahda mill-varji kontradizzjonijiet bejn dak dikjarat mill-konvenut fix-xhieda tieghu u dak li jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjetà attrici, senjatament f'dan il-kaz l-artikoli tal-konvenut pubblikati fir-rivista SkyLife. L-artikoli kollha jaghmlu referenza diretta ghar-restaurant tal-konvenut, liema restaurant jissemma b'ismu ossia Palazzo Santa Rosa u fl-artikoli pubblikati fil-hargiet minn Dicembru 2007 sa' Frar 2009[11], fl-ahhar ta' l-artikolu hemm mhux biss deskrizzjoni ta' l-*ambience* tar-restaurant izda addirittura l-*contact details* kollha relattivi. B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut, altru milli l-arikoli li huwa kien jikteb u gew pubblikati fl-imsemmija hargiet tar-rivista SkyLife ma kienux riklam ghalih u ghan-negozju tieghu.

Kontradizzjoni ohra tirrizulta fejn il-konvenut jikkontendi li bejn Novembru 2007 u Frar 2009, tul liema perijodu kienet fis-sehh ir-relazzjoni bejnu w is-socjetà attrici, huwa qatt ma irrealizza li kien qed ihallas is-somma ta' €1,030.75 ghall-artikoli li skontu b'buona volonta tieghu kien qed jikkontribwixxi ghar-rivista SkyLife u mhux ghall-*listing* li dwaru, skontu, kien ftiehem mas-socjetà attrici. Huwa jsostni dan minkejja li jikkontendi wkoll li l-accountant tieghu kien gibidlu l-attenzjoni li s-somma ta' €1,030.75 ghal *listing* kienet wahda piuttost gholja. Jghid li huwa rrelaizza tali fatt biss meta rcieva l-e-mail datata 30 ta' Novembru 2009, esebita a fol. 62 tal-process, dwar *listings* appuntu fir-rivista SkyLife u kien in segwitu ghal tali e-mail li waqaf jeffettwa pagamenti lis-socjetà attrici. Mill-fatturi mahruga mis-socjetà attrici però, esebiti a fol. 100 sa' 110 tal-process, jirrizulta ben car li l-konvenut kien qed jintalab ihallas is-somma ta' €1,030.75 kull xahar mhux ghal semplici *listing* izda ghal riklam *full page* fuq ir-rivista in kwistjoni. Rinfaccjat b'dan il-fatt il-konvenut iddikjara li huwa qatt ma ta kaz x'kien fihom dawn il-fatturi peress illi kien jiehu hsieb kollox l-accountant tieghu - li

[11] Fol. 27 sa' 41 tal-process.

ghal ragunijiet li jaf huwa biss ma ressqux bhala xhud tieghu - affermazzjoni din li ma hijiex affattu kredibbli iktar u iktar meta il-konvenut stess iddikjara li l-accountant kien johrog il-pagamenti – ic-cheques relattivi ta' liema kienu jigu ffirmati mill-konvenut stess – fuq struzzjonijiet u b'approvazzjoni espressa tieghu stess.

Apparte minn hekk mill-provi prodotti mis-socjetà attrici dwar il-pagamenti effettwati mill-konvenut kjarament jirrizulta li ma waqafx jeffettwa hlasijiet lis-socjetà attrici wara li rcieva l-e-mail datata 30 ta' Novembru 2009 izda, waqaf ihallas dak minnu dovut diversi xhur qabel. Mid-dokumenti markati Dok. "JB1" a fol. 94 sa' 99 tal-process, li huma c-cheques mahruga mill-konvenut bi hlas lis-socjetà attrici, jirrizulta li l-ahhar pagament effettwat permezz ta' chueqe kien bic-cheque Nru. 1126 datat **20 ta' Dicembru 2008**, liema cheque jidher li ma giex onorat in kwantu fis-**7 ta' Frar 2009** gie *referred to drawer*. Mir-rendikont esebit mis-socjetà attrici a fol. 16 tal-process jirriuzlta li in segwitu gie effettwat pagament iehor, li bhala fatt kien l-ahhar pagament maghmul mill-konvenut lis-socjetà attrici, fis-**16 ta' Lulju 2009**, ossia ben erba' xhur **qabel** ma l-konvenut ircieva l-e-mail tat-30 ta' Novembru 2009.

Dawn il-kontradizzjonijiet kollha bejn dak affermat mill-konvenut u l-provi prodotti mis-socjetà attrici juru bic-car li dak affermat mill-istess konvenut, fis-sens illi huwa qatt ma ftiehem li jhallas ghall-*advertorials* li kienu qed isiru f'forma ta' artikoli miktuba minnu, izda biss ghal *listing* tar-restaurant tieghu fis-sezzjoni relattiva fir-rivista SkyLife, ma huwiex affattu kredibbli.

Il-konvenut jikkontendi wkoll li kwalunkwe servizz ta' reklamar prestat lilu mis-socjetà attrici ma kienx tal-livell imwiegħed ghaliex *darba kelli bzonn insiefer fuq titjira ta' l-Airmalta u fuq l-ajruplan indunajt li ma kien hemm kwazi xejn magazines. Ghall-prezz li jiena kont qed inhallas ghall-listing tar-restaurant kelli bzonn ikolli certu return ta' dan l-ammont li kont qed inhallas u naturalment li bin-nuqqas ta' magazines dan ir-return ma kontx ser niehdu. Kont ktibt lill-editur tal-magazine u kont oggezzjonajt fir-rigward ta' din il-kwistjoni. L-editur kienet qablet mieghi u jekk niftakar sew il-kliem ezatti li qaltli kienu 'it is unacceptable'. Raguni ohra kienet li kull ma kien hemm fil-business class kien magazine wiehed u kien hemm ukoll diversi klijenti li kienu jghiduli li fuq l-SkyLife ma kontx jiena biss li naghmel kontribuzzjoni fuq it-tisjir u l-ikel. Dan il-magazine ma kontx nircevieh ghar-raguni li fejn ghandi restaurant il-Mistra m'hemmx servizz postali. L-accountant tieghi stess kien ukoll ikkumentali fuq din is-sitwazzjoni ghaliex darba minnhom siefer u fil-magazine kien hemm artikolu ta' chef iehor li kien proprju jikkontradici l-artikolu tieghi u qalli li ra ragel jaqra z-zewg artikoli kontemporanejament, jikkomparahom u jxengel rasu hu u jaqra. Jiena dan l-artikolu ghadni ma sibtux izda nipprova naghmel mezz illi nsibu. Hafna mill-klijenti tieghi huma mill-Ambaxxata Amerikana u huma kienu staqsewni x'kont ghamilt lix-Chef l-iehor li jismu Etienne ghaliex dejjem jikteb kontra tieghi u jiena ghedtilhom li sa fejn naf jiena m'ghamiltu xejn.*

*Qed nigi mistoqsi jekk dawn l-kontribuzzjonijiet ta' dan ix-chef kienux fil-magazine SkyLife jiena nghid li nimmagina li hekk hu. L-artikoli ta' dan ix-chef qatt ma rajthom hlief meta inzertajt kelli l-magazines f'idejja. Ghalija dan kien nuqqas ta' integrità ta' editorjal u ghalhekk hadt id-decizjoni li nieqaf naghmel kontribuzzjonijiet tieghi. Jiena deherli li ma konniex qed niehdu lura l-valur ta' l-ammont li jiena kont qed inhallas lis-socjetà attrici. Jiena imbaghad kont waqaft inhallas ukoll*[12].

Fil-fehma tal-Qorti din l-ahhar dikjarazzjoni tal-konvenut, ossia fejn jghid li *ghalija dan kien nuqqas ta' integrità ta' editorjal u ghalhekk hadt id-decizjoni li nieqaf naghmel kontribuzzjonijiet tieghi. Jiena deherli li ma konniex qed niehdu lura l-valur ta' l-ammont li jiena kont qed inhallas lis-socjetà attrici. Jiena imbaghad kont waqaft inhallas ukoll,* effettivament tikkonferma li l-ftehim li kien hemm mas-socjetà attrici kien li jaghmel *advertorial* fir-rivista SkyLife, ghal liema *advertorial* kien ihallas is-somma ta' €1,030.75 fix-xahar. Oltre dan, dak minnu mill-bqija affermat dwar il-livell ta' reklamar li kien qed jinghata, jew skontu mhux jinghata, ma gie minnu bl-ebda mod korroborat in kwantu ma ressaq l-ebda prova, la fil-forma tax-xhieda tal-persuni li semma jew fil-forma dokumentarja billi jesebixxi l-artikoli li semma, in sostenn ta' dan.

Il-Qorti tqis ghalhekk li filwaqt li s-socjetà attrici rnexxielha tipprova l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut, l-istess konvenut ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li ebda ammont ma huwa minnu dovut lis-socjetà attrici ghar-ragunijiet moghtija minnu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €10,307.50, bl-imghax legali dekoribbli mis-7 ta' Settembru 2010 (id-data tan-notifika tal-konvenut bir-Rikors promotur) sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta mahruga kontra l-konvenut u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawteltorjuipprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, jibqghu a karigu tal-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2011, fol. 73 sa' 76 tal-process.